MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' April, 2005

Numru 805/2003

Il-Pulizija
Spettur Carmelo Magri
Vs
**Stephen Bonello**

**Illum 12 ta’ April, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Stephen Bonello ta’ karta tal-identita` numru 64173(M), akkuzat talli:

1. Fit-12 ta’ Settembru, 2003 ghal habta tal-11.30 ta’ filghodu volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq, hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli (tank tal-ilma) ghad-dannu ta’ Saviour Grech mir-Rabat, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50)

izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500) – bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-stess data, hin, lok u cirkostanzi, f'post pubblik, spara air-rifle tal-marka 'Diana', mudell 54 bin-numru serjali 04022221 – bi ksur ta' l-Artikoli 24(2) tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-stess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess u taht il-kontroll tieghu jew kellu f'idejh, jew fuqu, l-imsemmi air-rifle barra minn fond jew post li jaghmel mieghu – bi ksur ta' l-Artikolu 3(1A)(2) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-stess data, hin, lok u cirkostanzim naqas li jzomm l-stess air-rifle fil-kustodja tieghu b'mod li ma setax jigi f'idejn haddiehor – bi ksur ta' l-Artikolu 8(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-stess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer meta gie fil-pussess ta' arma tan-nar u munizzjon xort'ohra milli b'licenzja, naqas li minnufih jaghti l-avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dak il-munizzjon ghandux jinzamm that idejn il-persuna li taght l-avviz – bi ksur ta' l-Artikolu 9(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fl-stess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala pussessur ta' licenzja taht l-Artikolu 3 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja jew kellu ghandu, jew f'idejh, jew fuqu, l-imsemmija air-rifle li ma kienx msemmi f'dik il-licenzja – bi ksur ta' l-Artikolu 16 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Fl-stess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt ta' hsara fil-propjeta` ta' terzi persuni, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regulari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari – bi ksur ta' l-Artikolu 26 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali mhux oppost;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

**Ikkunsidrat:**

L-akkuzi kontra l-imputat jirrigwardaw hsara volontarja taht l-Artikolu 325 tal-Kap 9 u offizi ohra taht il-Kap 33 u 66 in konessjoni ma' arma tan-nar tal-marka 'Diana' numru sejrali 0402221.

Mill-provi, kif ukoll mill-stqarrija tal-imputat, imkien kontradetta, tirrisulta ir-reita` tieghu ghall-akkuzi kontrih migjuba. Jirrisulta wkoll li l-hsara ikkagunata minn fuq it-tankijiet tal-ilma hi ta' Lm65.

Ghalkemm jirrisulta li l-imputat ghandu licenzja ta' armi tan-nar, l-stess licenzja ma tkoprix l-arma li biha spara ghat-tankijiet tal-ilma meritu l-kawza. Din l-arma 'ex admissis' hi ta' certu Joseph Vassallo.

Mill-fatti u provi l-Qorti hi sodisfatta li l-akkuzi gew pruvati.

Tiddeciedi, ghalhekk, filli fil-waqt li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti u rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9, l-Artikolu 24(2) tal-Kap 33, u l-Artikolu 3(1A), 8(1), 9(1), 16 u 26 tal-Kap 66 issibu hati u wara li rat il-fedina penali nadiha tieghu, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettx reat iehor zmien sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tikkundannah ukoll ihallas lill-parti leza hamsa u sitt lira Maltin (Lm65) zmien mhux aktar minn xahrejn mill-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------